## SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 3 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS

Isem: ______________________ Klassi: ______________

**A. <u>Imla l-vojt bil-kliem provdut</u>**

**il-personalita', l-adolexxenza, Trade Union, il-volontarjat, iċ-ċittadinanza, il-valuri,**

**l-Istudji Soċjali, ir-refuġjati, soċjalizzazzjoni, il-'peer group'.**

1. Żmien ________________________ jiġi wara t-tfulija meta nibda niżviluppa fiżikament u mentalment.
2. ________________________ jgħallimni dwar is-soċjeta' li jien nagħmel parti minnha.
3. ________________________ jaħarbu minn pajjiżhom biex ifittxu kenn f'pajjiż ieħor.
4. ________________________ tidher fuq il-passaport u l-I.D. Card.
5. Il-ħaddiema jidħlu membri fi ________________________ li mhux biss taqbeż għalihom imma tgħallimhom u tedukahom dwar id-dinja tax-xogħol.
6. ________________________ u l-karattru inrawwimhom matul ħajti bl-għajnuna tal-ġenituri, ħbieb u għalliema.
7. ________________________ jagħti ħafna għajnuna lil min hu fil-bżonn mingħajr ħlas.
8. ________________________ huma dawk il-ħbieb ta' mpari li nagħmilha magħhom u jistgħu jinfluwenzawni għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin.
9. Fil-familja u fl-iskola nitgħallem ir-regoli tas-______________________ biex inkun naf kif għandi ngħix fis-soċjeta'.
10. ________________________ ta' l-imħabba u l-għajnuna lil xulxin huma importanti biex soċjeta' tiffunzjona għal ġid tagħna lkoll.

**( 1 x 10 = 10 marki )**

**B. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet:**

Is-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol

Xi drabi nisimgħu b'xi diżgrazzja fatali fuq il-post tax-xogħol fejn ħaddiema jmutu waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Irridu niftakru li s-soċjeta' għandha bżonn kull tip ta' ħaddiema, kemm dawk manwali, ta'id, kif ukoll oħrajn li jiktbu jew jagħtu xi servizz. Għalhekk hemm xogħol li hu ħafna aktar perikoluż minn xogħol ieħor, fejn il-ħaddiema jistgħu ikorru u saħansitra jmutu, jekk ma jobdux ir-regolamenti tas-sigurta' tax-xogħol, billi jilbsu ingwanti speċjali kif ukoll elmu f'rashom. Oħrajn iridu jużaw apparat speċjali bħal maskli tal-gass, minħabba velenu li jista' jkun hemm fl-arja.

1. X'jiġifieri diżgrazzja fatali?

   ______________________________________________

2. Liema ħaddiema huma bżonnjuzi fis-soċjeta'?

   ______________________________________________

3. Fisser il-frażi 'regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xogħol'?

   ______________________________________________

4. Semmi żewġ tipi ta' xogħol perikoluż.

   ______________________________________________

5. Xi jfissru dawn is-sinjali?

   ______________________________________________



**( 1 x 10 = 10 marki )**

## Ċ. <u>Għaqqad flimkien billi tikteb in-numru fil-kaxxa:</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | mitt bniedem, mitt fehma | | taħseb fik innifsek biss |
| 2. | kull qalb trid oħra | | taħfer u tieħu paċenzja |
| 3. | suppervja u egoiżmu | | kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu |
| 4. | rispett u għajnuna | | nkunu ġenerużi bejnietna |
| 5. | tisma' u tagħder | | għandna bżonn lil xulxin |

**( 1 x 5 = 5 marki )**

## D. <u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb:</u>



1. Min huma dawn in-nies?

   ______________________________________________

2. X'tifhem b'persuna bi bżonnijiet speċjali?

   ______________________________________________

3. Semmi żewġ tipi ta' nies bi bżonnijiet speċjali

   ____________________ ____________________

4. Semmi żewġ għaqdiet li jaħdmu għalihom.

   ____________________ ____________________

5. Kif jgħinhom l-istat?

   ______________________________________________

6. Kif jgħinuhom in-nies l-oħrajn?

___

7. Kif tista' tgħinhom int, speċjalment jekk ikunu fl-iskola miegħek?

___

8. X'jiġifieri meta ngħidu 'kulħadd għandu sehem sħiħ u ndaqs fis-soċjeta''?

___

**( 1 x 10 = 10 marki )**

**E. Aqra s-sentenza u agħti t-tifsira tal-kelma b'sing taħtha:**

1. Kulħadd għandu dritt li jitgħallem, mill-Kindergarten sa l-Universita'.

___

2. Il-Kunsill Lokali tal-komunita' fejn noqgħod jien jaħdem ħafna biex isebbaħ ir-raħal.

___

3. Fil-familja ir-responsabbilta' tinqasam indaqs bejn il-ġenituri.

___

4. Nibni relazzjoni tajba mal-ġenituri u l-ħbieb.

___

5. Noqgħod attent x'nara fuq it-televiżjoni għax jista' jkollu influwenza ħażina fuqi.

___

6. It-turisti nibżgħu għalihom għax iħallu ħafna flus f'pajjiżna.

___

7. L-ambjent nibżgħu għalih għax hu tagħna lkoll.

___

8. Id-dixxiplina hemm bżonnha fil-familja, fl-iskola, u fuq il-post tax-xogħol.

___

9. Fiċ-Ċentri tas-Saħħa insibu servizzi għall-ħarsien ta' saħħitna.

___

10. Fl-iskola hemm bżonn tal-koperazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti.

___

**( 2 x 10 = 20 )**

**F.** Meta mmur l-iskola sekondarja nkun għadni tifla jew tifel, iżda wara ħames snin kors, noħroġ mill-iskola ta' 16-il sena, nkun kbirt u immaturajt, jiġifieri kapaċi naħseb u nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. F'daż-żmien niltaqa' ma' sitwazzjonijiet kemm pożittivi, jiġifieri li jagħmluli l-ġid, iżda wkoll negattivi, jiġifieri li jagħmluli l-ħsara. Dawn jistgħu jibqgħu jaffettwawni tul ħajti kollha.

**<u>Aqra dawn li ġejjin u qassamhom f'żewġ listi, pożittivi u negattivi:</u>**

joffrulek sigarett, jagħtik parir, ifehmuk l-iżbalji, tixrob l-alkohol, tieħu pilloli bl-addoċċ,

ma tagħtix każ, tattendi laqgħa, tagħżel ħbieb sfrattati, tibża' għall-flus, taħseb qabel tagħmel xi ħaġa

| POŻITTIVI | | NEGATTIVI | |
|---|---|---|---|
| 1. | | 1. | |
| 2. | | 2. | |
| 3. | | 3. | |
| 4. | | 4. | |
| 5. | | 5. | |

**( 1 x 10 = 10 marki )**

**Ġ. <u>Dawn is-sitwazzjonijiet ġieli ltqajt magħhom?</u>**

Inti mistieden / mistiedna tikteb ir-raġuni għaliex taħseb li m'għandux isir hekk.

1. Meta tmur tixtri dejjem tagħżel dak li l-iżjed jkun għali?
   Mhux sew għax ____________________
2. Ġieli nasal tard u ma nżommx il-ħin.
   Mhux sew għax ____________________
3. Fuq it-televiżjoni nara kulma jiġi quddiem għajnejja.
   Mhux sew għax ____________________
4. Ma nagħtix każ ta' dak li jgħiduli l-ġenituri u min jagħtini parir.
   Mhux sew għax ____________________
5. Meta joffruli sigarett, xorb alkoħoliku jew xi sustanza naqbad u nieħu.
   Mhux sew għax ____________________

**( 2 x 5 = 10 marki )**

**H. <u>Għid xi rwol u x'xogħol għandhom fis-soċjeta' dawn il-ħaddiema</u>:**

1. sajjieda u bdiewa: ____________________
2. għalliem u tabib: ____________________
3. machine operator u supervisor: ____________________
4. Gwida tat-turisti: ____________________
5. Social Worker: ____________________

**( 2 x 5 = 10 marki )**

**I. <u>Ikteb komponiment ta' xi 20 linja fuq WIEĦED minn dawn:</u>**

1. Spjega tlieta mir-raġunijiet għaliex isiru diżgrazzji fuq il-post tax-xogħol.
2. Semmi tliet għaqdiet tal-volontarjat u tkellem dwar ix-xogħol tagħhom fis-soċjeta' tagħna.
3. Nitgħallem nibni relazzjoni tajba mal-ġenituri u ħuti, ħbieb u l-oħrajn.
4. Ix-xorb, sigaretti u d-drogi ... l-għedewwa ta' saħħitna.
5. Semmi erba' tipi ta' xogħol li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu u tkellem dwarhom.
6. Tkellem dwar proġett li għamilt jew attivita' oħra kulturali fl-iskola matul is-sena.

**( 15-il marka )**